MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru 1109/2009

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Aquilina)

vs

Theresa Rosales nee' Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-akkuzata ta' karta ta' identità numru 512661M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Lulju, 2007 u fix-xhur ta' wara, bil-hsieb li taghmel hsara lil Edmund Rosales, akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti ghall-fatt biss li kienet akkuzatha.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familji taghhom ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzata fl-liema ammissjoni hi nsistiet anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-akkuza tippotizza r-reat ta' kalumnja kontemplat fl-Artikolu 101 tal-Kap 9.

Mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata perse' tal-akkuzata hi hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha.

Rat l-Artikolu 101 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tapplika kontra taghha l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum. Torbot lill-akkuzat b'obbligazzjoni taghha innifisha ghal sena mill-lum taht penali ta' €1000 sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' zewgha.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzata r-responsabbilitajiet taghha skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------